**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 38**

L-ERBGHA 7 TA' DICEMBRU 2011 FIl-5.30 TA' FILGĦAXIJA

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA KLJ CMLJ | SINDKU |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER |
| CLAUDINE LANZON | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE **Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA** | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |
| SINJ. ANTONELLA GALEA | ASST. PRINCIPAL |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Rapport dwar il-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv
4. Rapport dwar il-Ħatra ta' Ufficcjal Eżekuttiv
5. Affarijiet Finanzjarji – Quarterly Financial Report Lulju-Settembru 2011
6. Performance Bonus 2011
    - tal-Agent Seg. Ezekuttiv Sur Paul J. Pace (pro-rata)
    - tal-Asst. Principal Sinj. Antonella Galea
    - tal-Iskrivana Sinj. Carol Mallia
7. Rapport Dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri
8. Ħwejjeġ Oħra
9. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i Il-Minuti tas-Seduta 37/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**2** Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)

**i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nfurmajna lill-Kuntrattur Road Maintenence Services LTD li l-offerta tiegħu ġiet magħżula. Dan min-naħa tiegħu aċċetta u ffirma l-Kuntratt. Proġett ERDF

i.i Is-Sur Farrugia qal li l-ewwel ħaġa li rridu nagħmlu qabel ma jinbeda x-xogħol huma l-billboards. Is-Sindku wera sample ta' kif dawn il-Billboards ser jkunu.

i.ii Is-Sindku qal li qed insibu għajnuna kbira mingħand is-Sur Ivan Gauci l-Project Manager assenjat lilna fi ħdan il-PPCD. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li tinkiteb ittra ta' apprezzament lis-Sur Gauci. Is-Sindku qal ukoll li sibna għajnuna kbira mill-MEUSAC għal-mili tal-applikazzjoni għal dan il-proġett. Is-Sindku rrimarka li huwa veru li dawn iż-żewġ entitajiet joffru għajnuna kbria lill-applikant pero sfortunatament ma' teżistix ko-ordinazzjoni bejniethom. Dan il-punt tqajjem kemm il-darba anke lill-Ministru responsabbli.

i.iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru żewġ talbiet lill-PPCD. Waħda għal talba għal żieda ta' fondi. Dan sar minħabba l-fatt li t-tenders sottomessi kienu aktar mill-valur stmat għal dan il-proġett. It-talba l-oħra lill-PPCD kienet sabiex nestendu ż-żmien sakemm jista' jiġi konkluż dan il-proġett. Din it-talba saret minħabba l-fatt li parti minn dan il-proġett għadha ma nħarġitlux i-permess tal-MEPA. Dan għaliex il-KNPD qed toġġezzjoni ħabba xi rampa. Il-Perit Dieter Falzon reġa ssottometta pjanti ġodda għall-approvazzjoni tagħhom.

**ii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bejn il-Ġimgħa 2 u s-Sibt 3 ta' Diċembru 2011 xi ħadd pprova jidħol fil-Kunsill. Dan għaliex meta s-Sibt filgħodu l-Iskrivana pprovata tiftaħ il-bieb tal-Kunsill ndunat li kien hemm ċavetta maqsuma fis-serratura. Il-pulizija mil-ewwel ġew infurmati b'dan u raw il-filmat tal-CCTV cameras. Ser tingħata kopja tal-filmat lill-Forensic Unit għal aktar stħarriġ. Tentattiv ta' intrużjoni fil-Kunsill

**iii** Is-Sindku qara ittra mibgħuta mill-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali Taqsima Proprjeta' tal-Gvern fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi. B'din l-ittra t-Taqsima qed jinforma lill-Kunsill li qed tikkonsidra u taċċetta l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex din l-art tiġi kkonvertita f'parkeġġ dejjem jekk il-Kunsill japplika formalment għal-permessi meħtieġa u jingħata permess għal-żvilupp. Devoluzzjoni ta' Art fi Triq Hal Luqa

iii.i Is-Sindku qal li ser nippruvaw napplikaw għal-fondi tal-UIF.

**iv** Is-Sindku qal li kellu laqgħa maċ-Chairman tal-MEPA minħabba diversi punti. L-ewwel punt li qajjem kien dwar il-proġett tax-Xelter fi Sqaq Brittaniku Nru 1. Dan jirrigwardja l-Compliance Certificate sabiex ikollna supply tad-dawl. Is-Sindku ressaq każ ieħor dwar Sqaq Nru 1 Triq Santa Marija sabiex jiġi pavimentat. Sabiex joħroġ dan il-permess għal dan il-proġett il-Kunsill iintalab jagħmel Garanzija Bankarja għal-valur ta' €12000 kif ukoll li jipprovdi arial view tax-xelter. Is-Sindku qal liċ-Chairman li dan kollu huwa assurd l-ewwelnett għax il-proġett tal-pavimentar kollu lanqas jiswa daqshekk u t-tieni għaliex qatt ma jista' jkun li nipprovdu arial view ta' bini li jinsab taħt l-art. Jidher li ċ-Chairman fehem il-pożizzjoni tal-Kunsill u l-arial view ser tiġi rtitra u l-valur tal-garanzija bankarja ser tkun revizjonata għal valur ta' €3000. MEPA -Xelter Sqaq Brittaniku Nru 1

iv.i Punt ieħor mressaq mis-Sindku kien dwar il-ħitan madwar siti mhux mibnija. Il-Kunsill talab lid-Dipt tal-Artijiet dettalji dwar il-proprjetarji ta' dawn l-artijiet. L-Onor. Jason Azzopardi nforma lill-Kunsill li d-Dipt m'għandux dettalji għajr dawk proprjeta' tal-Gvern. Intgħalbet din l-informazzjoni wara li kien hemm rikjesta mill-Onor. Dr Jason Azzopardi biex jinbnew dawn il-ħitan. Din il-biċċa art in kwistjoni hija proprjeta' tal-Ex Prim Imħallef J.J.Cremona. MEPA – Hitan Dwar Siti Mhux Mibnija

iv.ii Dwar dan il-każ is-Sindku nforma lill-Kunsill li għamel Konferenza Stapa fi Triq il-Knisja. Tqaqssmu wkoll ittri lill-ġurnalisti preżenti. S'issa għadu ma sar xejn.

iv.iii Is-Sindku qal li sar qbil mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u din f'isem kull Kunsill Lokali ser tibgħat ritratti u dettaliji hi lill-MEPA.

**v** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna ittra mingħand l-Onor. Jason Azzopardi sabiex Triq il-Fieres issir one way. Is-Sindku spjega li jekk dan isir it-traffiku ser ikun kkonċentrat fil-qalba tar-raħal. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġerixxa li minflok il-kunsill għandu jikteb lit-Transport Malta u jagħmel pressjoni sabiex tinfetaħ Triq San Franġisk u t-traffiku jkun jista' jiċċirkola minn hemm. Triq il-Fieres

**v.i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bgħat email lis-Sur Thomas Debono tat-Trasport Malta sabiex jistaqsi fhix waslu l-permessi mit-Transport Malta lill-Kuntrattur Polidano Group sabiex il-kunsill jkun jista' jibda malajr kemm jista' jkun ix-xogħol. Resurfacing ta' Toroq-Skema PPP

Is-Sur Debono nforma lis-Sindku li l-Kuntrattur Polidano Bros ma kellu ebda permessi rreġistrati għall-bini ta' toroq fil-Kunsill ta' Ħal Tarxien hekk kif jidher ukoll fir-rapport mibgħut ma' din l-email.

Is-Sindku ser jibqa' jiċċekja l-affarijiet sabiex dawn il-permessi jinħarġu u fl-aħħar jinbeda x-xogħol.

**v.ii** Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill ittra mingħand l-għaqda tal-Anzjani ta' Stu Wistin għal talba għall-għajnuna għal party tal-Milied. Għajnuna ghall-party lill-Anzjani Stu Wistin

**v.iii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna Rapport li f'kull bandli li għandu l-kunsill hemm xi ħaġa ħażina li trid tinbidel jew tinqala. Is-Sindku kkummenta li dawn kienu saru skond il-Malta Palying Sields Associaiton u kienu skond il-liġi. Jidhher li issa l-MCAA bidlet l-iStandards u r-regolamenti u l-Kunsill jrid jimxi magħhom. Bandli

**v.iv** Is-Sindku ppreżenta lill-Kunsill fuljett li tqassam fid-djar dwar l-attivita' "Villaġġ tal-Milied f'Ħal Tarxien". Din l-attivita' ser tittella b'kollaborazzjoni bejn il-kunsill u l-għaqdiet tar-raħal. Pero sfortunatament f'dan il-fuljett m'hemm imkien indikat il-Kunsill. Is-Sindku ser jkellem lill-wieħed mill-organizzaturi.

Is- Sur Ishmael Dalli attenda fis-6.45pm

**3 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

Hatra
Segretarju Ezekuttiv

i Is-Sur Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li s-Sur Svetlick Flores, il-kandidat li ġie fl-ewwel post u li kien intgħażel mill-Kunsill, ġie magħżul u maħtur f'Kunsill Lokali ieħor. Għalhekk il-Kunsill, kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti mar mill-ewwel għal-kandidat li ġie fit-tieni post jiġifieri s-Sur Frans Chircop u bgħat jinformah li l-Kunsill kien għażel lilu. Dan minn naħa tiegħu aċċetta u għalhekk il-Kunsill informa b'dan kollu lid-Dipartiment Gvern Lokali. Is-Sur Adrian Mifsud Head of HR fi ħdan id-Dipt. talab lill-Kunsill biex ngħaddulu xi dokumenti, kif fil-fatt ġa sar sabiex ikun jista' jinbeda l-proċess għal-ħatra. Jidher li issa d-Dipt għandu kollox f'idejgħ u s-Sur Mifsud infurmana li diġa għadda kollox lill-uffiċċju tal-Prim Ministru u għalhekk bħalissa qed nistennew lill-Prim Ministru jawtorizza din il-ħatra.

**4 Ħatra ta' Uffiċċjal Eżekuttiv**

Hatra
Ufficjal Ezekuttiv

i Is-Sindku nforma liIl-Kunsill li għaddejna rapport lid-Dipt. Gvern Lokali bil-għażla tal-Kunsill u s-Sur Adrian Mifsud Head of HR fi ħdan id-Dipartiment tana l-go ahead sabiex nipproċedu bil-ħatra. Il-Kunsill infurma lis-Sinjorina Maria Aquilina li ġiet magħżula timla dan il-post vakanti. I min-naħa tagħha bdiet il-proċess sabiex ittemm il-kariga tagħha mal-Kunsill ta' Sta Venera u tibda mal-Kunsill tagħnna.

ii. Is-Sindku qal ukoll li sabiex jitħaffef il-proċess għal din il-bidla kellem lis-Sindku ta' Santa Venera u waslu fi qbil li fil-21 ta' Diċembru 2011 is-Sinj. Aquilina ser tkun tista' tibda taħdem fil-Kunsill Lokali Ħal Tarxien.

**5 Affarijiet Finanzjarji –**

**i Rapport Finanzjarju Lulju-Settembru 2011**

Rapport finanzjarju
Lulju-Settembru

L-Agent Seg. Ezekuttiv s-Sur Paul J. Pace ressaq quddiem il Kunsill dan ir-rapport u ta' spjegazzjoni dettaljata sabiex jispjega l-finanzi tal-Kunsill. Is-Sur Pace qal li finanzjarjament il-Kunsill jinsab f'pozizzjoni tajba ħafna.

Il-Kunsill approva unanimament dan ir-Rapport.

**ii Skeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti nru 38/06.

**iii** Waqt li kien qed jiġi diskuss dan il-punt tal-Agenda, is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret talba uffiċċjali lid-Dipt Gvern Lokali sabiex l-awditjar ma jsirx għal perjodu ta' xahrejn biss jigifieri bejn Jannar u l-25 ta' Frar 2011 il-perjodu li kien għad hemm l-Ex Seg Ezek is-Sur Maurice L. Mallia imma jsir

kif previst bil-liġi hekk kif tintemm is-sena 2011.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-Sindku.

**iv** F'dan il-waqt il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa fhiex kien wasal il-process legali tal-Kunsill kontra s-Sur Maurice Mallia. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li kien hemm 3 differimenti fl-aħħar Seduta tal-24 ta' Ottubru 2011 l-avukat tas-Sur Mallia qal li s-sur Mallia ammetta li zbalja u lest li jirtira dak li kien kiteb fl-email mibgħuta lis-Sinj. Marisa Pisan l-Ex-Aġent Seg. Eżek. L-avukat tal-kunsill talab li dan isir bil-miktub. Għalhekk ser isir seduta oħra sabiex tiġi ppreżentata din l-ittra.

*Il-Kunsilliera Claudine Lanzon telqet fis-7.00pm*

**6 Performance Bonus 2011**

Il-Kunsill approva li l-A/Seg Ezekuttiv jingħata performance bonus ta' 10% pro-rata għal perjodu li ilu mal-Kunsill ta' Ħal Tarxien.

Il-Kunsilla approva li ż-żewġ impjegati tal-Kunsill s-sinj. Antonella Galea u l0part-timer sinj. Carol Mallia jingħataw performance bonus ta' 6% kull wieħed.

Kemm is-Sur Pace kif ukoll is-Sinj. Galea rringrazzjaw lis-Sindku u lill-Kunsillieri.

**7 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri**

***i Rapport tal-Viċi Sindku Frans Agius***

i.i Is-Sur Agius nforma lill-Kunsill li qed jattendi laqgħat dwar it-turiżmu organizzati mill-MTA flimkien mal-Kunsilli ta' Ħal Tarxien, Sta. Venera, Bormla u Ħaż-Żebbuġ. Dawn il-laqgħat qed isiru bi prova sabiex jaraw x'jista jsir bi3ex jippromwovu t-turiżmu. Pero sfortunatament is-sur julian Zarb mill-MTA ġieli ma attendiex mingħajr pre-avviż għal dawn il-laqgħat. L-affarijiet mexjin pero mixjin bil-mod ħafna. Laqgħa oħra li jmiss hija fl-14 ta' Diċembru 2011.

i.ii Il-Viċi Sindku kkonferma dak li kien qal is-Sindku dwar il-Villaġġ tal-Milied li fuq il-fuljett ma jidher imkien il-Kunsill. Hu min-naħa tiegħu xorta waħda baqa' għaddej bil-ħidma tiegħu u qed jagħmel xi kuntatti ma' individwi sabiex jipparteċipaw f'din lattivita'. Qal ukoll li ser jieħu ħsieb li jitlob stands lill-Awtorita' dwar it-Turiżmu f'Malta (MTA)

i.iii Is-Sur Agius ppreżenta lill-Kunsill Timetable tal-Lezzjonijiet li hu f'isem il-Kunsill ħa l-inkarigu li jorganizza u li qed isiru fil-maġġor parti tagħhom fiċ-Ċentru Komunitarju kif ukoll fid-Dar tal-Kejka. Is-Sur Agius qal li ċ-~Ċentru qed ikun okkupat kuljum bil-lezzjonijiet u din is-sena qed jattendu numru sabiħ ta' madwar 150 ruh għal dawn il-korsijiet.

i.iv Is-sur Agius qal li rċieva stedina u ser jattendi għaċ-Ċerimonja tal-Għoti taċ-Ċertifikati tal-Adult Life Long Learning tas-sena l-oħra.

***ii Rapport Mis-Sur Lawrence Bonavia***

ii.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li attenda għall-Attivita' li ttelgħet fil-Jum ddedikat lid-Diabete. Sfortunatament il-konkorrenza kienet waħda fqira.

ii.ii Is-Sur Bonavia qal li bħas-snin li għaddew hu ħa l-ikarigu f'isem il-Kunsill sabiex tingħata t-tilqima kontra l-influwenza. Is-Sur Bonavia offra wkoll li jagħti hu din it-tilqima lir-residenti. Qal li din is-sena għalkemm kellna numru kbir ta' nies li nkitbu, is-servizz ingħata f'nofstanhar wieħed biss.

***iii Rapport mil-Kunsillier Keith Darmanin***

iii.i Is-Sur Darmanin ippreżenta lill-kunsill Rapport dwar il-football tournament 2011. Qal li kien hemm parteċipazzjoni tajba u l-avveniment irnexxa.

iii.ii Is-Sur Darmanin informa lill-Kunsill li bħas-sena li għaddiet ser isir l-aġġudikar taż-żgħażugħ tas-Sena. L-applikazzjonijiet għall-Bord tal-għażla u għazla ser ikunu miftuħa bejn it-2 ta' jannar 2012 u l-31 ta' jannar 2012. Il-kunsill ser jibgħat il-formoli meħtieġa lll-għaqdiet tar-raħal u ser jinforma lill-għaqdiet li persuna waħda biss minn kull għaqda tista tkun fuq il-Bord tal-Għażla.

iii.iii Is-Sur Darmanin qal li kellu laqgħa oħra mal-Ispettur Mercieca fejn ġew diskussi diversi punti ta' importanza.

iii.iv Il-Kunsillier Keith Darmanin qal ki fi 22 ta' Frar ser issir laqgħa lill-Anzjani tal-Agostinjani dwar in-Neighbourhood Watch.

***iv Rapport mill-Kunsillier Ishmael Dalli***

iv.i Is-Sur Dalli qal li attenda għal-laqgħa organizzata mill-MEUSAC f'isem il-Kunsill kif imqabbad mis-Sindku.

iv.ii Is-Sur Dalli qal ukoll li ser jattendi għal-konferenza li ser issir fid-9 ta' Diċembru 2011.

***v Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella***

v.i Is-Sinj. Vella ppreżentat Rendikont għal-ħarġa li kellha fl-1 ta' Diċembru 2011.

v.ii Is-Sinj. Vella qalet fi 17 ta' Diċembru ser issir l-attivita' għat-tfal fl-Empire Cinema. Hija talbet lill-Kunsill sabiex jħallas għat-trasport tat-tfal għal din l-attivita'.

Il-Kunsill approva unanimament.

***vi Rapport mis-Sindku Paul Farrugia***

vi.i Is-Sur Farrugia qal li kien mistieden għal-laqgħa għall-anzjani tal-Agostinjani. Hu għamel diskors u ta' tagħrif dwar il-proċeduri tal-Kunsill. Kif ukoll ta' indikazzjoni tal-formoli u s-servizzi li joffri l-Kunsill.

vi.ii Is-Sur Farrugia informa lill-Kunsill li fl-20 ta' dicembru ser issir ikla tal-Milied lill-anzjani fil-Plaza Hotel Sliema.

vi.iii Fis-27 ta' Diċembru 2011 ser isir il-party tal-Anzjani fis-Sala tal-Agostinjani. Dak inhar jitħabbar ukoll l-Anzjan Tarxiniż 2011.

vi.iv Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet seħħet serqa mil-lockers tal-grawnd Dan sar minn xi tfal li kien konċess lilhomm l-użu tal-grawnd mingħajr ħlas. Bil-kaz kienet infurmata mil-ewwel il-pulizija li marret fuq il-post. Il-pulizija ħadet it-tfal in kwistjoni l-għassa li ammettew u l-ġenituri tagħhom rritornaw l-flus li dawn iż-żewġt itfal kienu ħadu.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kav. Pawlu Farrugia** KLJ CMLJ | **Sur Paul Pace** Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA |
| **Sindku** | **A/Seg. Eżek** |